# Programm ta’ Kurrikulu Bażiku fl-Istorja

## L-iskop ta’ dan il-programm

Dan il-programm kurrikulari jindirizza l-problemi ta’ dawk l-istudenti li għandhom diffikultajiet biex jitgħallmu. Huwa importanti għall-għalliem tal-Istorja li jagħmel l-aħjar li jista` biex jgħin studenti bħal dawn. Għalhekk l-esperjenzi ta’ tagħlim għandhom jinkludu xogħol li jkun tal-livell tal-istudenti u li jiġġenera l-interess fihom. Dan ix-xogħol għandu jkun qasir, relevanti u varjat u jista’ jsir fil-ħin limitat li jkollu l-għalliem. Huwa importanti li l-miri tiegħu jistgħu  jintlaħqu mill-istudenti.

## L-importanza tal-assessjar formattiv

Dan il-programm kurrikulari jixtieq jagħti l-importanza xierqa lill-assessjar formattiv. Permezz ta’ dan it-tip ta’ assessjar, l-assessjar isir parti integrali mill-proċess tat-tagħlim. L-assessjar għandu jgħin lill-istudenti jagħmlu progress fit-tagħlim tagħhom. L-assessjar formattiv jgħin lill-għalliema u l-istudenti jifhmu l-progress li jkun sar u jaraw fejn jistgħu jaħdmu iżjed. B’hekk l-istudenti janalizzaw b’mod kritiku l-qualita` tax-xogħol tagħhom u kif dan jista’ jsir aħjar. Kien għal dan l-iskop li ġiet imfassla din l-iskema tal-assessjar.

## Struttura tal-Assessjar

Dan il-kors ta’ tlett snin għandu jwassal lill-istudenti biex jissodisfaw il-kriterji tal-ewwel Grad tal-Qafas tal-kwalifiki Ewropej. Fuq medda ta’ tliet snin il-bilanċ għandu jkun ta’ 50% fuq l-assessjar kontinwu, 50% fuq assessjar b’mod orali. Matul it-tliet snin isiru assessjar kontinwu u assessjar b’mod orali jkollhom l-istess piż għal marka globali. It-Tabella ta’ hawn taħt tispjega b’mod viżwali l-istruttura għat-tlett snin.

| **Sena** | Assessjar Annwali | Perċentaġġ totali għal kull sena |
|---|---|---|
| **9** | 50% Assessjar matul is-sena + 50% Eżami Orali Annwali | 100% |
| **10** | 50% Assessjar matul is-sena + 50% Eżami Orali Annwali | 100% |
| **11** | 50% Assessjar matul is-sena + 50% Eżami Orali Annwali | 100% |

Fl-aħħar tal-Ħdax-il sena jinħadem il-persentaġġ globali tat-tliet marki totali ta’ kull sena.

## Id-Disa' Sena

| 9.1 Il-Belt Valletta | |
|---|---|
| **Preparamenti, bini, sbuħija u rwol matul iż-żmien** | |
| ***Miri ta' Tagħlim*** | ***Punti Prinċipali*** |
| L-istudenti għandhom: | |
| jifhmu għala kien importanti li tinbena belt ġdida. | Raġunijiet għala nbniet il-Belt bħal:<br>• Il-ħerba kbira li ħalla l-Assedju l-Kbir fuq il-fortifikazzjonijiet ta' madwar il-Port il-Kbir.<br>• Il-biża' ta' attakk mill-ġdid mit-Torok.<br>• Il-pożizzjoni strateġika tal-Għolja Xiberras bħala peniżola fil-għoli li kienet tħares fuq il-portijiet il-kbar. |
| ikunu jafu dwar il-preparamenti li saru minn qabel biex tinbena din il-belt. | •Il-pjanta għal din il-belt (forma ta' grada bi triq iddur madwarha).<br>• L-għajnuna li ngħatat lill-Ordni.<br>• L-għażla tal-isem għal din il-belt.<br>• Il-ħaddiema li nġiebu biex ix-xogħol isir malajr.<br>• Ma saret l-ebda parti riżervata għall-kavallieri biss *(Collachio).*<br>• Il-qtugħ tal-ġebel mill-Mandraġġ.<br>• L-Ordni tmur tgħix fil-belt il-ġdida fl-1571. |
| jifhmu kif il-periti Laparelli u Glormu Cassar għamlu ħafna xogħol. | • Laparelli fassal il-pjanta tal-Belt Valletta.<br>• Glormu Cassar kompla ix-xogħol fuq il-Belt Valletta u fassal ħafna mill-bini li hemm illum. |
| ikollhom tagħrif dwar xi bini importanti li hemm f'din il-belt li għadu jeżisti sal-lum. | • Il-palazz tal-Gran Mastru<br>• Il-bereġ tal-kavallieri<br>• Il-Kon-Katidral ta' San Ġwann<br>• Is-Sagra Infermerija<br>• Kunventi u knejjes<br>• Bini ieħor eż. it-Teatru u l-Librerija |
| jifhmu l-bidla u l-kontinwià li rat din il-belt matul iż-żmien u b'hekk japprezzaw aħjar is-sbuħija u l-importanza tagħha. | • Il-bini tal-Kavallieri ġewwa l-Belt Valletta u l-użu tiegħu illum eż. bereġ, Sagra Infermerija, il-palazz tal-Gran Mastru, eċċ.<br>• Il-bidla minn post residenzjali għal Ċentru amministrattiv (Parlament, ministeri, dipartimenti u uffiċini), kummerċjali (ħwienet, swieq, pixkerija, ċentru tat-trasport għal tal-linja) u kulturali (teatru, mużewijiet). |

| 9.2 Bliet u l-irħula qodma ta' Malta u Għawdex | |
|---|---|
| **L-ibliet u l-irħula qodma ta' Malta u Għawdex u l-karatteristiċi prinċipali tagħhom** | |
| ***Miri ta' Tagħlim*** | ***Punti Prinċipali*** |
| L-istudenti għandhom: | |
| jifhmu l-importanza storika tal-ibliet tal-Imdina u l-Birgu | • Il-pożizzjoni strateġika tagħhom eż. Mdina u ċ-Ċittadella fiċ-ċentru bħal-gżira mibnija fuq art għolja, il-Birgu fuq peniżola li tagħti fuq il-Port il-Kbir.<br>• L-importanza tad-difiża li offrew matul iż-żminijiet eż. attakki mill-furbani, l-Assedju l-Kbir.<br>• Ċentri residenzjali u amministrattivi fl-antik eż.l-Università, in-nobbli jgħixu hemmhekk, eċċ. |
| ikunu jafu dwar karatteristiċi komuni fl-irħula | • Il-qalba tar-raħal<br>• Toroq imserrpin.<br>• Niċeċ u statwi<br>• Is-Salib tad-Dejma.<br>• Kappelli żgħar<br>• L-Għajn tal-Ħasselin. |
| ikunu kapaċi jagħmlu tqabbil u kuntrast bejn l-ibliet u l-irħula qodma ta' pajjiżna. | • Il-qalba tar-raħal<br>• Imsieraħ, toroq dojoq u sqaqien (kontinwità)<br>• Niċeċ fil-kantunieri<br>• Djar ġodda fil-periferija tar-raħal (tibdil)<br>• Problemi tal-lum eż. preservazzjoni, traffiku, ipparkjar, djar qodma, eċċ. |

| **9.3 Aspetti mill-Ħajja Maltija fi Żmien il-Kavallieri** | |
|---|---|
| **Il-qagħda, ix-xogħol u l-istil ta' ħajja tal-Maltin** | |
| ***Miri ta' Tagħlim*** | ***Punti Prinċipali*** |
| L-istudenti għandhom: | |
| ikunu jafu dwar il-qagħda ġenerali tal-Maltin taħt l-Ordni ta' San Ġwann | • Faqar ġenerali<br>• Taxxi għad-difiża tal-gżira.<br>• Is-sibi u l-jasar li kien iġib miegħu.<br>• Il-mara fis-soċjetà (ix-xogħol fid-dar u fl-egħlieqi, it-trobbija tat-tfal, il-ħasselin).<br>• L-Edukazzjoni għadha lura u ftit li xejn kien hemm tagħlim. jifhmu x'tipi ta' xogħol u impiegi kellhom il-Maltin matul il-Ħakma tal-Ordni ta' San Ġwann u kif ħafna minn dawn ix-xogħlijiet kienu marbuta mal-missjoni tagħhom fuq il-baħar.<br>• Xogħol li kellu x'jaqsam |
| jifhmu x'tipi ta' xogħol u impiegi kellhom il-Maltin matul il-Ħakma tal-Ordni ta' San Ġwann u kif ħafna minn dawn ix-xogħlijiet<br>kienu marbuta mal-missjoni<br>tagħhom fuq il-baħar. | • Xogħol li kellu x'jaqsam mal-vapuri. eż. sibi, qaddiefa u ġellieda fuq il-baħar, *buonavoglie* (qaddiefa voluntiera), kaptani, tobba, nies involuti fil-bini u t-tiswija ta' vapuri, il-qalfat.<br>• Xogħol ieħor. eż. biedja, sajd, xogħol fl-isptarijiet, bennejja, bejjiegħa tal-ilma, ħaddiema fi ħwienet żgħar tal-ħaxix u tax-xorb, eċċ. |
| jifhmu xi stil ta' ħajja kellhom il-Maltin u kif kienu jiddevertu | Il-ħajja Maltija msawwra madwar:<br>• il-Knisja<br>• it-tiġrijiet taż-żwiemel<br>• il-Karnival<br>• ix-xorb fil-ħwienet<br>• il-festi<br>• l-għana<br>• il-festa tat-tieġ<br>• l-Imnarja. |